# DUN KARLU MANCHÉ, IL-KAPPILLAN QADDIS: 70 SENA MINN MEWTU

"Il-Kappillan Karlu Manché – Nisrani Kbir". Taħt dan it-titlu deher apprezzament fit-Times of Malta, miktub wara l-mewt tal-Kappillan tal-Gżira, minn ċertu A. Turnham, eks Protestant Ingliż, ikkonvertit minnu għall-Kattoliċiżmu.

"Is-sabar, l-altruiżmu u, fuq kollox, il-karità ta' Manché ħallew mnaqqxa fina marka li ma titħassarx, u aħna nġibuh dejjem quddiem għajnejna bħala suċċessur denn ta' Karlu ieħor, il-Borromeo, li, żmien ilu, irriforma Milan u għen lill-Knisja f'fażi diffiċli tal-istorja tagħha. Il-prattika assoluta tal-ħajja Nisranija tiegħu, kif Kristu nnifsu għallimha, kienet prodott tal-għaqda tiegħu perfetta mal-Imgħallem stess," kiteb Turnham.

## Iben il-Kirurgu Manché

Karlu Manché twieled il-Belt Valletta nhar it-22 ta' Settembru, 1905. Kien wieħed mis-seba' ulied li l-Kirurgu Charles Manché, Kurunell fl-Eżerċtu Ingliż, kellu mill-ewwel mara tiegħu, Ġużeppina Falzon. Karlu kellu tmien aħwa oħra mit-tieni mara ta' missieru, Lukrezja Tanti. In-nannu ta' Karlu kien il-Professur Lorenzo Manché, oftalmologu imsemmi ħafna, patrijott u Nisrani ferventi u ġeneruż ħafna mal-pazjenti.

Karlu trabba taħt id-dixxiplina ta' missier imdorri fis-servizz militari Ingliż. Sakemm damu joqogħdu l-Belt, Karlu kien jiffrekwenta l-Istitut Malti ta' Edukazzjoni Kattolika San Ġakbu, u billi fi tfulitu ma kienx jitkellem bil-Malti, il-lezzjoni tal-Katekiżmu kien jagħmilhielu bl-Ingliż Mons. Nerik Dandria.

L-ewwel skola primarja li ffrekwenta Manché kienet il-Kulleġġ Stella Maris, *immexxi mill-Frères*, f'Tas-Sliema, għax sadattant il-familja tiegħu marret toqgħod fil-Gżira. Minn hemm għadda għal-Liċeo, u fl-1921 beda l-kors tat-Teoloġija fl-Università, fejn kien jibbrilla. F'Ottubru 1924, daħal is-Seminarju biex isir saċerdot.

## Kappillan tal-Gżira

Fit-22 ta' Settembru 1928, kien ordnat qassis mill-Arċisqof *Dom Mawru* Caruana. L-għada, Dun Karlu qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja hekk imsejħa "tal-ġebla", il-Knisja Parrokjali tal-Gżira. Fl-1 ta' Ottubru, ħa l-lawrja tat-Teoloġija u l-Baċellerat tad-Dritt Kanonku. Dun Karlu, kien ġie l-ewwel fil-kors u rebaħ borża ta' studju. Huwa għażel li jmur Ruma, fejn għamel kors ta' sentejn fl-Università Gregorjana u ħa d-Dottorat tal-Filosofija.

Qassis iffurmat sew spiritwalment u intellettwalment mhux ta' min jitilfu minn taħt idejh, u meta Dun Karlu Manché ġie lura minn Ruma, l-Arċisqof Caruana fdalu l-kariga ta' Viċi Kappillan fil-Gżira u fl-istess ħin tah il-kariga ta' Prefett tal-Istudji fis-Seminarju, żewġ karigi li qdiehom fedelment.

Mal-mewt tal-Kappillan tal-Gżira Dun Anton, li, b'kumbinazzjoni, kien iġib il-kunjom ta' Manché wkoll, għalkemm ma kellu ebda relazzjoni miegħu, Mons. Caruana nnomina lil Dun Karlu Kappillan ta' dik il-parroċċa, li kienet bdiet issir importanti. Fit-12 ta' Marzu 1935, il-Kappillan il-ġdid ħa l-pussess tal-parroċċa, fost il-ferħ tan-nies li kienu ħa jafuh għat-tjieba, il-ħidma u l-għerf tiegħu.

## Progressiv Moderat

L-ewwel xogħol tiegħu fil-parroċċa bħala Kappillan kien li organizza l-kleru tal-parroċċa. Biex iġiegħel *lill-qassisin iħossu li huma* familja waħda, biddel id-dar parrokkjali f'dar kanonika ('presbitery'). Hemmhekk il-ħidma tal-parroċċa setgħet tiġi studjata, imħejjija u mwettqa bi spiritu ta' fraternità u ko-operazzjoni.



*Imbagħad*, Dun Karlu ħaseb biex itemm il-bini tal-knisja li għaliha kien jiġbor sa minn meta kien kjeriku, biex jgħammarha u jsebbaħha. Il-Professur Arturo Bonnici sejjaħlu "qassis progressiv moderat (mhux anti-tradizzjonali)". Kien minn tal-ewwel li daħħal il-bankijiet flok is-siġġijiet fil-knisja, biex jinżamm aktar *l-ordni;* ma riedx ħafna artali, biex l-artal maġġur jibqa' ċ-ċentru tad-devozzjoni; għamel konfessjonarji kbar u magħluqin għal-libertà u l-kumdità ta' min iqerr; fittex li fil-funzjonijiet sagri jinstemgħu fil-knisja kant u mużika li jiġbduk u jerfgħulek qalbek u moħħok.

Konfessur u Oratur Kbir

Dun Karlu kien iħares lejn il-konfessjonarju bħala post fejn jista' jagħmel l-aktar ġid, u kien iħobb iqarar għal ħin twil, filgħodu u filgħaxija. Kollu paċenzja u bi kliem ħelu kien iwissi lill-penitent u jħejjih għall-maħfra. Kien ukoll *iħajjar lil xi penitenti* għall-vokazzjoni reliġjuża jew ekkleżjastika. Swor Clotilde Schiavone, Agostinjana, li kienet tqerr għandu, tgħid li fil-qrar bi kliemu kien jixegħlek bl-imħabba t'Alla.

Jirrakkuntaw li darba, *fil-ħdax ta' bil-lejl, mar iħabbatlu* l-bieb raġel biex iqerr. Il-Kappillan fetaħ il-bieb, daħħlu u qarru. Kienet konsolazzjoni kbira għalih li ma bagħtux lura, meta l-għada sema' li dak il-penitent miet.

Arma oħra f'idu għall-ħidma pastorali kienet il-predikazzjoni. Għaliha l-Kappillan Manché kien iħejji ruħu *minn qabel bil-qari ta' kotba* spiritwali u bil-meditazzjoni. Għalhekk lil min kien jgħidlu "prosit" wara xi prietka,

kien iwieġbu: "Prosit lill-awturi li qrajt!"

Kull nhar ta' Ħadd kien jagħmel żewġ lezzjonijiet tal-Katekiżmu: waħda għat-tfal fit-3 p.m. u l-oħra, f'ħin li deherlu li kien l-aktar adattat għall-kbar. Għalkemm kultant il-prietki tiegħu kienu ftit twal, il-Knisja kienet tkun mimlija u ħadd ma kien jiddejjaq, tant kien ħelu u persważiv fi kliemu. Kienu jmorru jisimgħuh ukoll xi nies minn barra l-parroċċa. Ġieli stidnuh jagħmel xi prietki ta' eżercizzji lill-kleru u lis-sekulari u lill-istudenti. Ġieli mar l-Arċisqof Gonzi stess jisma' xi prietka tiegħu.

Billi Dun Karlu kien jitħaddet tajjeb bl-Ingliż u kien jaf sew it-teoloġija, ħadem ħafna għall-konverżjoni tal-Protestanti f'Malta. Għandu ta' spiss kienu jmorru nies tas-Servizzi: piloti, baħrin u suldati, ħalli jgħallimhom il-Katekiżmu qabel ma jitgħammdu. Kappillani oħra wkoll kienu jħobbu jibagħtuhom għandu.

Barra minn dan, il-Kappillan kellu pinna tajba u kien jikteb artikli mħeġġin fil-ġurnali. Meta kienu jagħmlu s-soluzzjoni tal-każ morali u kien imissu jippresiedi l-Kappillan tal-Gżira, s-soluzzjoni tiegħu kienet tkun tant ċara u sempliċi li kulħadd kien joħroġ sodisfatt.

## Devot tal-Ewkaristija u tal-Madonna

Il-Kappillan Manché, *minkejja li kien ikun għajjien* mix-xogħol tal-jum, kien ta' spiss iqatta' biċċa mil-lejl jimmedita quddiem it-Tabernaklu Mqaddes fil-knisja.

Il-festi li l-aktar kellu għal qalbu l-Kappillan Manché kienu l-festa ta' Corpus Domini, dik tal-Qalb ta' Ġesù u dik tal-Madonna tal-Karmnu, il-patruna tal-parroċċa tiegħu. Kien ukoll devot ta' San Ġwann Battista de la Salle, il-fundatur tal-Frères, li tiegħu ried ukoll li jsirlu kwadru fil-knisja, impitter minn Guido Calì.

## Fi żmien il-Gwerra

Maż-żmien beda jpejjep il-pipa u uħud mill-parruċċani jiftakruh bħala l-Kappillan, bil-kappa fuq spalltu u l-pipa f'ħalqu, ħiereġ bil-lejl mas-Sagristan, ma' xi qassis jew mal-pulizija, jagħmel ir-ronda mal-parroċċa biex jaqta' kemm jista' jkun l-abbużi. Ġieli kellu xi theddid li joqtluh jekk jissokta jagħmel dak id-dmir tiegħu iżda hu ma beża' qatt mit-theddid.

Meta bdiet il-gwerra tal-1939, billi ma kienx hemm xelters, il-Kappillan kien jiftaħ il-bibien tal-kampnari biex in-nies jistkennu hemm taħt. U flimkien mat-Tabib Arturo Colombo (li iktar tard sar Deputat Mexxej tal-Partit Laburista) ħabrek ħafna biex jitħaffru xelters mill-aktar fis. Il-kappillan u t-tabib kienu dejjem lesti biex malli tiġri xi diżgrazzja bil-bombi, imorru jiġru biex jgħinu spiritwalment u fiżikament il-midrubin.

## Bniedem ta' ċaħda

Il-Kappillan Manché għex ħajja fqira. Barra miċ-ċaħda tal-familja, li għamel biex jgħix ma' sħabu l-qassisin, huwa kien jinfatam minn dak kollu li ma kienx meħtieġ. Beda biex mid-dar parrokkjali ma żammx ħlief żewġt ikmamar għalih – kamra tas-sodda u uffiċċju parrokkjali, mgħammrin miżerament. Niftakru li Dun Karlu kien ġej minn familja li ma kien jonqosha xejn.

L-unika ħaġa ta' "lussu" kien ir-radju, għax il-mużika għalih kienet żfog u rikreazzjoni. Kien jgħid li kien jistrieħ *ukoll fil-moħħ u fil-ġisem* meta kien imur jiekol mal-Frères ta' Stella Maris College tal-Gżira, jew meta kien isewwi xi arloġġ.

Kien jiċċaħħad mix-xorb u mill-ħelu. Darba minnhom, Dun Karlu mar jiekol għand il-familja ta' oħtu u, wara l-ikel offrewlu xi frotta bħala deżerta. "Biex tiekol il-frott," qalilhom Dun Karlu, "jenħtieġ li taħdem għalih. Il-frott tagħna fid-dinja l-oħra."

Il-Kappillan Manché kien qassis karitattiv u ġeneruż ħafna. Dak li kellu ma kienx tiegħu, għax malajr kien iqassmu lill-fqar u lil min jitlobhulu, avolja x'uħud kienu jidħku bih. Qatt ħadd ma mar għandu jitolbu karità u ħareġ b'idejh vojta. Kien ta' spiss jgħin lin-nisa li kienu fil-periklu li jaqgħu fil-prostituzzjoni minħabba n-nuqqas ta' flus. Xi ħwejjeġ, li hu jkun xtara għalih jew iddobba mingħand tal-familja, kien jasal biex jagħtihom ukoll, u jżomm għalih il-qodma.



Dun Karlu Manché xtaq japplika għall-professorat tal-Filosofija fl-Università mhux għall-unur, iżda biex jaqla' flus aktar, ħalli *jkollu iżjed xi jqassam bejn* il-fqar. Iżda meta sar jaf li kellu jagħżel bejn kappillan u professur għażel li jibqa' kappillan għas-servizz tan-nies. Darba Dun Karlu talab lill-Arċisqof Gonzi bil-miktub biex iħallih jidħol Patri Karmelitan. L-Arċisqof wiegbu: "Nitolbok tirtira t-talba tiegħek, għax il-missjoni tiegħek ta' kappillan tal-Gżira għadha ma spiċċatx."

## Ħabb ir-Reliġjużi u l-Għaqdiet

Il-Kappillan ma stmellx li jkollu fil-parroċċa l-għajnuna, mhux biss tal-qassisin , imma wkoll tar-reliġjużi u tas-sekulari. Fi żmienu, il-Frères fetħu l-kullegg kbir u sabiħ tagħhom taħt l-isem qadim ta' Stella Maris College, fejn il-Kappillan kien ta' spiss imur jipprietka jew jiffunzjona. Daħħal ukoll fil-parroċċa is-Sorijiet Agostinjani, li fetħu kunvent, knisja u skola. Kien konfessur, konsultur u benefattur tagħhom.

Fi żmienu wkoll giet inawgurata l-Azzjoni Kattolika u l-Legion of Mary. Biex jiġbed in-nies dawwar il-*bitħa tad-dar parrokkjali f'teatrin* u ħaseb biex iwaqqaf banda mmexxija mill-Azzjoni Kattolika.

## Imut ta' 45 sena

Meta Dun Karlu miet ma kellux ħlief 45 sena. Żmien qabel il-mewt tah attakk ta' trombosi.

Il-Frères offrewlu u riedu jirranġawlu biex imur jistrieħ fil-Casa Madre tagħhom gewwa Ruma.

Jingħad li l-Arċisqof ried jagħmlu Monsinjur, ħalli jserrħu mill-piż tal-parroċċa, iżda hu ma riedx. Huwa miet nhar is-Sibt 18 ta Novembru ta' 70 sena ilu.

L-għada, il-Ħadd, sarlu l-funeral. Għaddewh mit-triqat tal-Gżira, imlibbes il-bies sagru, ġo tebut mikxuf. Il-bandieri fil-Gżira kienu kollha mezz'asta, il-bibien tad-djar magħluqa, il-ħwienet bil-faxxa tal-vistu, l-irġiel libsin l-ingravata sewda. Luttu u biki ma' kullimkien.

## Ma kellu xejn għax qassam kollox

X'ħalla warajh il-Kappillan *Manché? Materjalment,* ħalla biss sodda tal-ħadid bit-twavel, saqqu tal-ħaxixa u żewġ imħaded tar-rix, siġġu, mejda, senduq żgħir mimli mbarazz, xkaffa bi ftit kotba, arloġġ u żarbun imqatta'. "Mhux biss ma ħalliex flus warajh," jgħid ħuh, "talli kellna nħallsu dejn ta' £400 li ssellef mill-Kurja għall-ġid tal-parroċċa u kien għadu ma ħallashomx."

Il-Kappillan Karlu Manché ma ħalla xejn warajh għax kull ma kellu qassmu lill-fqar u nefqu għall-ġid tal-parroċċa tiegħu. Imma miegħu ħa l-eluf u eluf ta' opri tajba u qaddisa li għamel f'ħajtu. U Alla żgur tah il-premju tagħhom fis-sema.